MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Numru. 931/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANZJAN ANTHONY CASSAR**

**VS**

**WAYLON MICALLEF**
**AARON VELLA**
**JOSEF VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Wayne Micallef, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 286588 (M); l-imsemmi Aaron Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 198886 (M) u l-imsemmi Josef Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 74188 (M).

**Akkuzati talli:**

Fi Triq il-Bajja, Marsaskala, nhar it-Tlieta 29 ta` Awissu, 2006, ghal habta ta` xi tmienja ta` filghodu (08:00am):

**Lil Waylon Micallef wahdu:**

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Mario Saliba mill-Gzira f'periklu car, heb ghalih u tah diversi daqqiet ta` ponn u anke daqqiet ta` sieq fuq wiccu u ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu skont ma ccertifikaw it-tobba Dr. Pierre Farrugia MD. u Dr. Arlene Bonello MD. ta` l-isptar San Luqa, liema offizi huma gravi u li gabulu sfegju gravi u permanenti fil-wicc tieghu ai termini tal-artikolu 218 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Hedded lill-imsemmi Mario Saliba bil-mewt;

Insulenta lil Mario Saliba ghal diversi drabi bil-kliem.

**Lil Aaron Vella wahdu:**

Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` ferita ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Rueben Scicluna, wera da nil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipenenti mill-volonta` tieghu;

Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminalim Kapitolu IX, tal-Ligijiet ta` Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

**Lil Waylon Micallef, Aaron Vella u Josef Vella flimkien:**

Bla ordni skont il-Ligi ta` l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw jew issekwestraw lill-imsemmi Mario Saliba, kontra l-volonta` tieghu;

Kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor;

Waddbu gebel jew hwejjeg ohra iebsin fid-direzzjoni tal-imsemmi Reuben Scicluna;

Qalu kliem jew espressjonijiet ta` dagha.

Il-Qorti giet umilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta` l-imsemmija Mario Saliba u Rueben Scicluna, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Waylon Micallef, Aaron Vella u Josef Vella b'obbliogazzjoni taghhom infushom taht penali ta` somma ta` flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Wara li rat l-Artikoli ta`:

<u>Lil Waylon Micallef wahdu:</u>

a) Fl-artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 (1) (a) (b) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
b) Fl-artikoli 18, 251 (1) (A), 251 (1) (B) u 251 (1) (C) tal-Kapitoliu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
c) Fl-artikoli 18 u 325 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

d) Fl-artikoli 18, 86, 87 u 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
e) Fl-artikoli 18, 338 (e), 338 (m), 338 (bb), 338 (ee), 338 (ff) u 339 (1) (a) (b) (c) (d) (e) (i) (l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
f) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
g) Fl-artikoli 382 (A), 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
h) Fl-artikoli 17, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

<u>Lil Aaron Vella wahdu:</u>

i) Fl-artikoli 41, 214, 215, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
j) Fl-artikoli 18, 251 (1) (A), 251 (1) (B) u 251 (1) (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
k) Fl-artikoli 18, 86, 87 u 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
l) Fl-artikoli 18, 338 (e), 338 (m), 338 (bb), 338 (ee), 338 (ff) u 339 (1) (a) (b) (c) (d) (e) (i) (l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
m) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
n) Fl-artikoli 382 (A), 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
o) Fl-artikoli 17, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

<u>Lil Josef Vella wahdu:</u>

p) Fl-artikoli 18, 251 (1) (A), 251 (1) (B) u 251 (1) (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
q) Fl-artikoli 18, 86, 87 u 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
r) Fl-artikoli 18, 338 (e), 338 (m), 338 (bb), 338 (ee), 338 (ff) u 339 (1) (a) (b) (c) (d) (e) (i) (l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
s) Fl-artikoli 382 (A), 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

t) Fl-artikoli 17, 30, 31, 532A 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza u rat il-fedina penali;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza titratta dwar glieda li sehhet gewwa Marsascala fid-29 ta` Awissu 2006 sewwa sew kwazi seba` (7) snin ilu. Huwa allegat illi f'dina l-glieda certu Mario Saliba sofra griehi ta` natura gravi permezz ta` sfregju f'wiccu ikkawzati mill-imputat Waylon Micallef wahdu waqt li heddu u insulentah. Aaron Vella huwa akkuzat b'attentat illi jikkawza ferita ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Rueben Scicluna u illi hu ricediv waqt illi dawn iz-zewg imputati u Josef Vella huma akkuzati li ssekwestraw lil Mario Saliba kontra l-volonta` tieghu, kisru l-bon ordni u li waddbu gebel jew hwejjeg ohra iebsin fid-direzzjoni ta` Rueben Scicluna.

Illi, f'dan ir-rigward, il-Qorti semghet ix-xhieda tas-sussegwenti xhieda:

1. Spt. Anthony Cassar: Dan irrakkonta l-incident u esebixxa l-istqarrijiet tat-tlett (3) imputati kif ukoll l-okkurrenza tal-incident;
2. Dr. Arlene Bonello li ddiskriviet il-feriti sostenuti minn Mario Saliba bhala fratturi fil-wicc u kwindi gravi;
3. Pulizija varji bhala xhieda tar-rapport li san minn Saliba jew ta` l-istqarrijiet tal-imputati;

4. Mario Saliba illi, fid-dettal, ikkonferma l-incident fid-dettal u individwa lit-tlett (3) imputati jigifieri lil Waylon Micallef bhala l-aggressur principali tieghu u z-zewg imputati l-ohra li zammewh waqt dan l-incident;
5. Dr. Victor Buhagiar li hareg l-ewwel certifikat mediku li rrefera lil Mario Saliba lill-ENT;
6. Dr. Pierre Farrugia li ddeskriva l-ferita ssostenuta minnMario Saliba bhala gravi per natura.

Xehed l-imputat Aaron Vella li ammetta li gara l-incident u l-partecipazzjoni tieghu fih. L-imputati l-ohra ma xehedux u lanqas ma nstemghet ix-xhieda ta` Rueben Scicluna. Mis-seduta tal-1 ta` Marzu 2011 sallum l-ebda xhieda ma nstemghet minn dina l-Qorti nonostante seduti numeruzi mizmuma appostament, kif lanqas xhedu t-tobba nkjesti mill-Avukat Generali sabiex jixhdu dwar il-qada prezenti ta` Mario Saliba.

Illi jirrizulta sodisfacentement illi Waylon Micallef agredixxa lil Mario Saliba u kkawzalu ferita ta` natura gravi permezz ta` frattura taht l-ghajn. Il-qada prezenti ta` Saliba ma setghetx tigi kkonstata stante li t-tobba nkjesti ma nstabux.

Il-Qorti qed tillibera lil Aaron Vella stante li Rueben Scicluna ma ingabx mill-Prosekuzzjoni bhaka xhud. Konsegwentement, ma tistax tirrizulta l-akkuza ta` ricediva minhabba dina l-liberazzjoni u wkoll ghax il-Prosekuzzjoni ma esebietx is-sentenza relattiva.

Fil-konfront tat-tliet imputati, l-akkuza migjuba kontriehom illi huma kisru l-bon ordni tirrizulta, kif ukoll jirrizulta s-sekwestru kontra l-volonta` tieghu ta` Mario Saliba.

L-akkuza migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-istess tlett imputati li waddbu l-gebel ma tirrizultax.

Minhabba:

1. Dubbji serji dwar il-permanenza tal-feriti sofferti minn Mario Saliba stante n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni biex itella l-prova medika apposite;
2. It-Trappas taz-zmien meta sehh l-incident;
3. In-natura zghira ta` dan l-incident illi, milli jidher, gie minfuh minn kull proporzjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

Din il-Qorti qed issib lill-imputat Waylon Micallef hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u nofs (1 ½) millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigward il-piena ta` l-imputati Aaron Vella u Josef Vella, dina l-Qorti ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------